

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' Sessjoni

A6-0240/2008

9.6.2008

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm għall-Modernizzazzjoni ta' l-Istatistika Ewropea ta' l-Intrapriża u l-Kummerċ (MEETS)
(COM(2007)0433 – C6-0234/2007 – 2007/0156(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Christoph Konrad

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- *** Proċedura ta' kunsens
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE
- ***I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- ***II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- ***III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa **qawwija u korsiva**. Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhum minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	17
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS.....	21
PROĊEDURA	25

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm għall-Modernizzazzjoni ta' l-Istatistika Ewropea ta' l-Intrapriża u l-Kummerċ (MEETS)

(COM(2007)0433 – C6-0234/2007 – 2007/0156(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0433),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 285 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0234/2007),
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja tajba¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li ikkunsidra r-rapport ta' Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A6-0240/2008),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Iqis li l-qafas finanzjarju indikat fil-proposta leġiżlattiva għandu jkun kompatibbli ma' l-oġġla limitu tas-subintestatura 1a tal-qafas finanzjarju pluriennali 2007-2013 kif rivedut mid-Deċiżjoni 2008/371/KE u jirrimarka li l-ammont annwali se jkun deċiż bħala parti mill-proċedura baġitarja annwali bi qbil mal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006;
 3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ ĠU L 139, 14.6.2006, p. 1. Ftehim kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2008/371/KE (ĠU L 128, 16.5.2008, p. 8).

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Il-Kummissjoni ħadet impenn fil-**Komunikazzjoni** tagħha dwar Regolamentazzjoni Aħjar għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjiegi fl-Unjoni Ewropea biex tiżgura politika mtejbja dwar ir-regolamentazzjoni *ħalli* tnaqqas il-burokrazija u r-regolamentazzjoni żejda.

Emenda

(1) Il-Kummissjoni ħadet impenn fil-**komunikazzjonijiet** tagħha **tas-16 ta' Marzu 2005** dwar Regolamentazzjoni Aħjar għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjiegi fl-Unjoni Ewropea **u ta' l-24 ta' Jannar 2007 dwar Programm ta' Azzjoni għat-Tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi fl-Unjoni Ewropea** biex tiżgura politika mtejbja dwar ir-regolamentazzjoni *u* tnaqqas il-burokrazija u r-regolamentazzjoni żejda.

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni Premessa 2 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Matul dawn l-aħħar ħmistax-il sena, għadd kbir ta' regolamenti statistiċi intenzjonati biex jiddeskrivu l-attivitajiet ta' l-intrapriżi u li jinkludu obbligi dwar il-provvista ta' data lill-intrapriżi tfasslu biex jilhqqu l-ħtiġijiet tal-Komunità għal informazzjoni statistika; Billi, fost l-oħrajn, l-kamp t' applikazzjoni, il-kunċetti u d-definizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti statistiċi għandhom ikunu koerenti bejniethom, tinħtieġ reviżjoni ġenerali (ta' dawn ir-regolamenti). Sa fejn hu possibbli s-simplifikazzjoni u l-iffissar tal-prijoritajiet għandhom ikunu elementi importanti ta' dawn ir-regolamenti.

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) L-istatistika tan-negozju u l-kummerċ se taffaċċja sfidi ewlenin fis-snin li ġejjin: Biex l-inizjattivi tal-Komunità jiġu msaħħa, dawn għandhom ikunu kapaċi jirriflettu l-fenomeni fl-ekonomija dejjem iktar mibdula tal-Komunità, bħall-globalizzazzjoni, xejriet emerġenti fl-intraprenditorija, is-soċjetà ta' l-informazzjoni, l-innovazzjoni, xejriet kummerċjali differenti u l-kompetittività fid-dawl ta' l-istrateġija mġedda ta' Liżbona.

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni Premessa 5 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni Premessa 7 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) L-istatistika tan-negozju u l-kummerċ se taffaċċja sfidi ewlenin fis-snin li ġejjin: Biex l-inizjattivi tal-Komunità jiġu msaħħa, dawn għandhom ikunu kapaċi jirriflettu l-fenomeni fl-ekonomija dejjem iktar mibdula tal-Komunità, bħall-globalizzazzjoni, xejriet emerġenti fl-intraprenditorija, is-soċjetà ta' l-informazzjoni, **il-kummerċ fis-servizzi**, l-innovazzjoni, xejriet kummerċjali differenti u l-kompetittività fid-dawl ta' l-istrateġija mġedda ta' Liżbona.

Emenda

(5a) L-istatistika dwar in-negozju u l-kummerċ tinkludi diversi oqsma fejn għandu jsir titjeb bħal, fost l-oħrajn, l-istatistika strutturali dwar in-neogzju, l-istatistika fuq perjodu ta' żmien qasir, l-istatistika Prodcorn, l-istatistika dwar it-teknoloġiji ta' l-informatika u l-komunikazzjoni, u l-istatistika Intrastat.

Emenda

(7a) L-Istituti Nazzjonali għall-Istatistika għandhom ikunu involuti mill-qrib fl-immodernizzar tas-sistema ta' produzzjoni

statistika sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni ta' l-ispejjeż u l-burokrazija żejda.

Emenda 6

**Proposta għal deċiżjoni
Premessa 7 b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(7b) Is-simplifikazzjoni tas-sistema
Intrasat hi parti mill-isforzi biex jiġnaqqsu r-rekwiżiti statistiċi u jiġi mminimizzat il-piż fuq in-negozji. Id-deċiżjoni ta' dan l-aħħar biex jiġnaqqas il-proporzjon ta' kopertura se tikkontribwixxi għal dan il-għan fuq perjodu ta' żmien qasir. Fuq perjodu ta' żmien itwal se jiġu investigati possibiltajiet oħra ta' simplifikazzjoni, inkluża s-sistema ta' fluss uniku. L-implimentazzjoni possibbli ta' dawn l-għażliet ta' simplifikazzjoni fuq perjodu ta' żmien twil tiddependi fuq studji ta' fattibilità u azzjonijiet oħra li għandhom jitwettqu skond din id-Deċiżjoni. Madankollu, għandhom jitqiesu konsiderazzjonijiet dwar il-kwalità ta' l-istatistika u anke l-ispejjeż sinifikanti involuti fit-tranżizzjoni.*

Emenda 7

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-Programm MEETS għandu jibda fl-**1 ta' Lulju 2008** u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013.

2. Il-Programm MEETS għandu jibda fl-**1 ta' Jannar 2009** u għandu jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013.

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 - paragrafu 2 - punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) li jiġu żviluppati għabriet *fil-mira ta' indikaturi u li jiġu riveduti l-prijoritajiet*; (għan 1)

Emenda

(a) **li jiġu riveduti l-prijoritajiet u** li jiġu żviluppati għabriet ta' indikaturi *fil-mira għal oqsma ġodda*; (għan 1)

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 - paragrafu 2 - punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) li tiġi appoġġata implimentazzjoni iktar effiċjenti *għall-ġbir tad-data*; (għan 3)

Emenda

(c) li tiġi appoġġata *l-implimentazzjoni ta' mod iktar effiċjenti għall-produzzjoni ta' statistika dwar negozji u kummerċ*; (għan 3)

Emenda 10

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 - paragrafu 2 - punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) biex *l-istatistika* dwar il-kummerċ fil-prodotti *tiġi mmodernizzata u ssimplifikata bejn l-Istati Membri* (minn hawn 'il quddiem, Intrastat) (għan 4).

Emenda

(d) biex *is-sistema għall-ġbir tad-data* dwar il-kummerċ fil-prodotti bejn l-Istati Membri tiġi mmodernizzata (minn hawn 'il quddiem, Intrastat); (għan 4).

Emenda 11

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) sabiex jiġu żviluppati għabriet ta' indikaturi fil-mira **u jiġu riveduti l-prijoritajiet** (għan 1)

Emenda

(a) sabiex **jiġu riveduti l-prijoritajiet u** jiġu żviluppati għabriet ta' indikaturi fil-mira **għal oqsma ġodda** (għan 1)

- Azzjoni 1.1: L-***iżvilupp*** ta' oqsma ***ġodda***;
- Azzjoni 1.2: ***Identifikazzjoni*** ta' oqsma ***li huma ta' inqas importanza***;

- Azzjoni 1.1: L-***identifikazzjoni*** ta' oqsma ***ta' inqas importanza***;
- Azzjoni 1.2: L-***iżvilupp*** ta' oqsma ***ġodda***;

Emenda 12

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – punt c – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(c) sabiex tiġi appoġġata implimentazzjoni iktar effiċjenti għall-***għbir tad-data*** (għan 3):

Emenda

(c) sabiex tiġi appoġġata *l-*implimentazzjoni ta' mod iktar effiċjenti għall-***produzzjoni ta' statistika dwar negozji u kummerċ*** (għan 3):

Emenda 13

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – punt d – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(d) għall-immodernizzazzjoni ***u s-simplifikazzjoni*** tas-sistema tal-għbir tad-data għall-Intrastat (għan 4):

Emenda

(d) għall-immodernizzar tas-sistema tal-għbir tad-data għall-Intrastat (għan 4):

Emenda 14

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Programm annwali ta' ħidma, ***inkluż il-***prijoritajiet għall-azzjonijiet taħt kull għan u l-allokkazzjonijiet baġitarji taħt din id-Deċiżjoni, għandu jiġi adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 5(2).

Emenda

Programm annwali ta' ħidma, ***bil-***prijoritajiet għall-azzjonijiet taħt kull għan u l-allokkazzjonijiet baġitarji taħt din id-Deċiżjoni, għandu jiġi adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 5(2).

Emenda 15

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

2. Sa mhux iktar tard *mil-31 ta' Diċembru 2011*, il-Kummissjoni għandha tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, rapport *interim* dwar l-implimentazzjoni tal-Programm MEETS.

Emenda

2. Sa mhux iktar tard *mill-31 ta' Diċembru 2010, u mbagħad kull sena sa l-2013*, il-Kummissjoni għandha tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Programm MEETS.

Emenda 16

Proposta għal deċiżjoni Anness – Għan 1 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Għan 1: *L-iżvilupp ta' ġabriet ta' indikaturi fil-mira u reviżjoni tal-prijoritajiet*

Emenda

Għan 1: *Ir-reviżjoni tal-prijoritajiet u l-iżvilupp ta' ġabriet ta' indikaturi fil-mira għal oqsma ġodda*

Emenda 17

Proposta għal deċiżjoni Anness – Għan 1 – Azzjoni 1.1

Test propost mill-Kummissjoni

Azzjoni 1.1: L-*iżvilupp* ta' oqsma *ġodda*

Emenda

Azzjoni 1.1: L-*identifikazzjoni* ta' oqsma *ta' inqas importanza;*

– F'dinja li dejjem tinbidel, il-ħtiġijiet ta' statistika se jiġu riveduti perjodikament mhux biss peress li qed jitfaċċaw ħtiġijiet ġodda ta' statistika, imma anke peress li ħtiġijiet oħra jsiru anqas importanti u saħansitra jgħaddi żmienhom. Għalhekk, se jsiru reviżjonijiet regolari tal-prijoritajiet f'koperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri sabiex jiġu identifikati

dawk l-oqsma u l-karatteristiċi li tilfu l-prijorità u li konsegwentement jistgħu jitħassru mir-rekwiżiti legali. Dawn ir-reviżjonijiet, intenzjonati biex jissimplifikaw ir-rekwiżiti statistiċi u biex jitnaqqas il-piż tar-rispons, jistgħu jirrikjedu li jitniedu studji esterni mill-Kummissjoni.

– F'ambjent ekonomiku li dejjem jinbidel huwa importanti li jiġu definiti l-oqsma prijoritarji għall-istatistika bħall-globalizzazzjoni u l-intraprenditorija u li jsir qbil fuq livell Komunitarju dwar ġabra ta' indikaturi fil-mira għal kull wieħed mill-oqsma prijoritarji. Jeħtieġ li dawn l-indikaturi jiġu armonizzati ma' l-istatistika internazzjonali kemm jista' jkun.

– L-istatistika għandha tinġabar b'mod effiċjenti u jeħtieġ tkun komparabbli. Għalhekk, għandha ssir ħidma fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' l-Istatistika biex jinkisbu definizzjonijiet armonizzati ta' karatteristiċi u indikaturi li għadhom kif jiġu identifikati.

– Wara li jsir qbil fuq ġabriet ta' indikaturi fil-mira u d-definizzjonijiet armonizzati tagħhom, l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżviluppaw u jittestjaw il-modi tagħhom kif jiġbru l-istatistika fl-oqsma prijoritarji f'mod armonizzat.

– L-oqsma l-ġodda se jiġu żviluppati permezz ta' studji, billi jiġu organizzati seminars, u bl-appoġġ finanzjarju ta' proġetti għall-iżvilupp ta' metodi u modi għall-ġbir ta' statistika ġdida.

– F'ambjent ekonomiku li dejjem jinbidel huwa importanti li jiġu definiti l-oqsma prijoritarji għall-istatistika bħall-**kummerċ fis-servizzi**, l-globalizzazzjoni u l-intraprenditorija u li jsir qbil fuq livell Komunitarju dwar ġabra ta' indikaturi fil-mira għal kull wieħed mill-oqsma prijoritarji. Jeħtieġ li dawn l-indikaturi jiġu armonizzati ma' l-istatistika internazzjonali kemm jista' jkun.

– L-istatistika għandha tinġabar b'mod effiċjenti u jeħtieġ tkun komparabbli. **Għal dan il-għan l-istatistika Ewropea trid tiġi mmodernizzata b'konformità stretta mal-prinċipju tal-koerenza u l-komparabilità tad-data għall-perjodi kkonċernati.** Għalhekk, għandha ssir ħidma fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' l-Istatistika biex jinkisbu definizzjonijiet armonizzati ta' karatteristiċi u indikaturi li għadhom kif jiġu identifikati.

Ġustifikazzjoni

Jekk tinbidel in-nomenklatura ma jkunx aktar possibbli li tiġi segwita d-dinamika tad-data għall-perjodi preċedenti.

Emenda 18

Proposta għal deċiżjoni Anness – Għan 1 – Azzjoni 1.2

Test propost mill-Kummissjoni

Azzjoni 1.2: *L-identifikazzjoni ta' oqsma ta' inqas importanza*

– *F'dinja li qed tinbidel mhux biss jitfaċċaw ħtiġijiet ġodda ta' statistika, iżda ħtiġijiet oħra ma jibqgħux rilevanti. Għalhekk, se jsiru reviżjonijiet regolari tal-prijoritajiet sabiex jiġu identifikati dawk iż-żoni u l-karatteristiċi li saru inqas importanti u konsegwentement ikunu jistgħu jitneħħew mir-rekwiżiti ġuridiċi. Ir-reviżjonijiet jirrikjedu studji esterni li għandhom jitniedu mill-Kummissjoni.*

– *Il-ġbir ta' l-indikaturi ta' l-istatistika marbuta ma' inizjattivi politiċi attwali jkun żgurat.*

Emenda

Azzjoni 1.2: *L-iżvilupp ta' oqsma ġodda*

– *F'ambjent ekonomiku li qed jinbidel huwa importanti li jiġu definiti, f'koperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, l-oqsma prijoritarji għall-istatistika bħall-globalizzazzjoni u l-intraprenditorija u li jkun hemm qbil fuq livell Komunitarju dwar ġabra ta' indikaturi fil-mira għal kull wieħed mill-oqsma prijoritarji. Jeħtieġ li dawn l-indikaturi jiġu armonizzati ma' l-istatistika internazzjonali kemm jista' jkun.*

– *L-istatistika trid tinġabar b'mod effiċjenti u għandha tkun tista' titqabbel. Għalhekk, għandha ssir ħidma fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' l-Istatistika biex ikun hemm qbil dwar definizzjonijiet armonizzati ta' karatteristiċi u indikaturi li għadhom kif jiġu identifikati.*

– *Wara li jkun intlaħaq qbil dwar il-ġabriet ta' indikaturi fil-mira u d-definizzjonijiet armonizzati tagħhom, jkun hemm bżonn ta' ħidma ulterjuri sabiex jiġu żviluppati u ttestjati modijiet għall-produzzjoni ta' statistika fl-oqsma prijoritarji.*

– *Sabiex tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' oqsma ġodda u ġabra ta' indikaturi fil-mira, il-Kummissjoni se tniedi studji, torganizza seminars u tipprovdi appoġġ finanzjarju biex jiġu żviluppati metodi u modi biex tinġabar statistika ġdida.*

Emenda 19

Proposta għal deċiżjoni

Anness – Għan 1 – Azzjoni 2.1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– L-istatistika Ewropea tinġabar skond il-leġiżlazzjoni **Ewropea**, li żviluppat fuq bosta snin. Tinthieġ eżaminazzjoni bir-reqqa tal-konsistenza bejn l-atti ġuridiċi sabiex ikun żgurat li l-biċċiet rilevanti kollha jkunu konsistenti. Għalhekk, **hija ppjanata** reviżjoni ta' l-atti ġuridiċi eżistenti sabiex jiġi pprovdut qafas ġuridiku armonizzat għall-oqsma differenti ta' l-istatistika tan-negozju u l-kummerċ. **Ir-reviżjonijiet jirrikjedu studji esterni li għandhom jitniedu mill-Kummissjoni.**

Emenda 20

Proposta għal deċiżjoni

Anness – Għan 2 – Azzjoni 2.3

Test propost mill-Kummissjoni

– Biex issir enfasi fuq il-ħtiġijiet ġodda u emerġenti ta' l-istatistika Komunitarja, se jsiru sħarriġiet Komunitarji speċifiċi fuq bażi ad hoc. Dawn l-istħarriġiet se jiġu stabbiliti permezz ta' studji esterni li għandhom jitniedu mill-Kummissjoni jew appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri.

– Biex jiġi sfruttat l-iffrankar potenzjali mill-iskemi Komunitarji ta' kampjunar fl-istatistika regolari, se jsiru studji biex jiġu identifikati oqsma fejn l-aggregati Komunitarji jkunu biżżejjed u biex jiġu żviluppati metodi ġodda għall-ġbir tad-data f' dawn l-oqsma. Se tingħata wkoll għajjnuna finanzjarja lill-Istati Membri biex jaġġustaw is-sistemi tagħhom għall-ġbir tad-data. **Ma** hemmx tip standard ta' l-iskemi Komunitarji ta' kampjunar; dawn għandhom ikunu speċifiċi għaċ-

Emenda

– L-istatistika Ewropea tinġabar skond il-leġiżlazzjoni **Komunitarja**, li żviluppat fuq bosta snin. Tinthieġ eżaminazzjoni bir-reqqa tal-konsistenza bejn l-atti ġuridiċi sabiex ikun żgurat li l-biċċiet rilevanti kollha jkunu konsistenti. Għalhekk, **jistgħu jitniedu studji esterni mill-Kummissjoni intenzjonati** għar-reviżjoni ta' l-atti ġuridiċi eżistenti sabiex jiġi pprovdut qafas ġuridiku armonizzat għall-oqsma differenti ta' l-istatistika tan-negozju u l-kummerċ.

Emenda

– Biex issir enfasi fuq il-ħtiġijiet ġodda u emerġenti ta' l-istatistika Komunitarja, **jistgħu** jsiru sħarriġiet Komunitarji speċifiċi fuq bażi ad hoc. Dawn l-istħarriġiet se jiġu stabbiliti permezz ta' studji esterni li għandhom jitniedu mill-Kummissjoni jew appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri.

– Biex jiġi sfruttat l-iffrankar potenzjali mill-iskemi Komunitarji ta' kampjunar fl-istatistika regolari, se jsiru studji biex jiġu identifikati oqsma fejn l-aggregati Komunitarji jkunu biżżejjed u biex jiġu żviluppati metodi ġodda għall-ġbir tad-data f' dawn l-oqsma. Se tingħata wkoll għajjnuna finanzjarja lill-Istati Membri biex jaġġustaw is-sistemi tagħhom għall-ġbir tad-data. **Madankollu**, **ma** hemmx tip standard ta' l-iskemi Komunitarji ta' kampjunar **u għalhekk** dawn għandhom

ċirkostanzi.

– L-istħarriġiet nazzjonali se jinżammu f'dawk l-oqsma statistiċi li jinħtieġu għal eżerċizzji ta' benchmarking.

ikunu speċifiċi għaċ-ċirkostanzi.

Emenda 21

Proposta għal deċiżjoni Anness – Għan 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Għan 3: L-implimentazzjoni ta' mod iktar effiċjenti għall-**għbir tad-data**

Emenda

Għan 3: L-implimentazzjoni ta' mod iktar effiċjenti għall-**produzzjoni ta' statistika dwar negozji u kummerċ**

Emenda 22

Proposta għal deċiżjoni Anness – Għan 3 – Azzjoni 3.1 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni

– Il-ħtieġa li jonqos il-piż fuq in-negozji u b'mod partikolari għall-SMEs ma għandux jipperikola l-għbir ta' informazzjoni rilevanti għas-sorveljanza ta' inizjattivi politiċi.

Emenda

imħassar

Emenda 23

Proposta għal deċiżjoni Anness – Għan 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Għan 4: Il-modernizzazzjoni **u s-simplifikazzjoni** ta' l-Intrastat

Emenda

Għan 4: Il-modernizzazzjoni **tal-għbir tad-data** ta' l-Intrastat

Emenda 24

Proposta għal deċiżjoni

Anness – Għan 4 – Azzjoni 4.1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– Il-miżuri għandhom jipprovdu appoġġ finanzjarju lil azzjonijiet fl-Istati Membri mmirati lejn l-iżvilupp ta' għodod u metodi *għaż-żamma u t*-titjib tal-kwalità tad-data *f*'sistema tal-ġbir *issimplifikata*.

Emenda

– Il-miżuri għandhom jipprovdu appoġġ finanzjarju lil azzjonijiet fl-Istati Membri mmirati lejn l-iżvilupp ta' għodod u metodi *għat*-titjib tal-kwalità tad-data *u s*-sistema tal-ġbir *tad-data*.

NOTA SPJEGATTIVA

Qafas politiku u benefiċċji tal-Programm MEETS

Ir-rapporteur jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni għall-Programm għall-Modernizzazzjoni ta' l-Istatistika Ewropea ta' l-Intrapriża u l-Kummerċ (MEETS). Huwa jirrappreżenta tweġiba xierqa għall-isfidi tas-snin li ġejjin f'oqsma ċentrali ta' l-istatistika ekonomika ta' l-UE u jikkompleta l-"Aġenda ta' l-2005 għal Regolazzjoni Aħjar".

Regolazzjoni effiċjenti ta' l-UE tagħmel il-ħajja aktar sempliċi għall-impriżi, l-individwi u l-awtortajiet billi tarmonizza 27 sistema legali. Il-ġbir ta' data statistika effiċjenti u sostenibbli hija ta' importanza kruċjali għall-ekonomija Ewropea. Sabiex l-impriżi, b'mod partikolari dawk ta' daqs medju, ikunu jistgħu jinvestu l-ħin tagħhom fil-produzzjoni u l-innovazzjoni mingħajr obbligi burokratiċi żejda, l-UE għandha l-ħsieb li tilħaq 25% tnaqqis fil-piż amministrattiv għan-negozji sa l-2012. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, f'Jannar 2007 ppreżentat rapport ambizzjuż "Programm ta' Azzjoni għat-Tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi fl-Unjoni Ewropea", li fuq il-bażi tiegħu diġà ġew iffrankati 500 miljun EUR tul l-2007. Barra minn hekk, minn Ottubru 2005 ġew imħassra 300 dispożizzjoni legali mill-korp tal-leġislazzjoni Komunitarja.

Il-Kummissjoni ta' l-UE ħadet diversi inizjattivi għat-tnaqqis tal-burokrazija. Fl-aħħar ta' l-2006 ħatret il-Bord ta' "Valutazzjoni ta' l-Impatt", magħmul minn uffiċjali għolja tal-Kummissjoni u, fejn xieraq, esperti esterni. Dan il-bord jeżamina l-metodoloġija u l-kwalità tal-proposti leġislattivi qabel ma jiġu ppreżentati mill-Kummissjoni. Proprju fil-qasam ta' l-ippjanar ta' l-istatistika din il-valutazzjoni ta' l-impatt ex-ante hija ta' importanza kbira. Ir-rapporteur, għalhekk, jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li dan ġie kkunsidrat speċifikament fil-programm MEETS. Il-grupp ta' uffiċjali għolja għat-tnaqqis fil-burokrazija, maħtur tard fl-2007 u mmexxi minn Edmund Stoiber, ukoll għandu kontribut importanti x'jagħti għat-tnaqqis tal-burokrazija, b'mod partikolari għall-impriżi.

Is-swieq ekonomiċi integrati dinjin kontinwament qed joħlqu ħtiġijiet ġodda għall-ġbir tad-data. B'hekk jinħolqu oqsma ġodda, filwaqt li informazzjoni li tkun inġabret s'issa ssir totalment jew parzjalment irrelevanti. L-impriżi jirreaġixxu għall-kompetizzjoni internazzjonali b'tibdil strutturali li għandhom jiġu riflessi b'mod xieraq fl-istatistika ta' l-impriżi. Tendenzi ġodda ta' l-impriżi għandhom jinġabru, bħal ma għandha tinġabar data dwar bidliet fl-istrutturi tan-negozju u l-impatt tas-soċjetà moderna ta' l-informazzjoni u l-għarfien fuq il-parteċipanti fis-suq. Anki l-ħolqien u/jew it-tisħiħ ta' setturi, bħal dak tas-servizzi, għandu jiġi rifless fil-ġbir ta' statistika. L-istess jgħodd għar-riċerka u l-innovazzjoni, qasam li dejjem qed isir aktar importanti għall-ekonomija, fejn il-koperazzjoni bejn l-impriżi u l-istituzzjonijiet ta' riċerka għandha tinġabar b'mod aħjar u b'mod aktar trasparenti. B'dan il-mod, tista' ssir promozzjoni ta' koperazzjoni aktar qawwija bejn l-impriżi u r-riċerka, li l-UE dejjem tistinka għaliha. Apparti mill-ħidma dejjem aktar integrata ta' l-ekonomija Ewropea permezz ta' networking, l-unjoni monetarja Ewropea u s-sistema Ewropea tad-dwana wkoll joħlqu bżonnijiet ġodda għal modernizzazzjoni tas-sistema ta' l-istatistika tal-Komunità. Hawnhekk proprju għandhom jidħlu l-miżuri differenti tal-programm MEETS.

Il-liġijiet ta' l-UE jridu jissodisfaw rekwiżiti għolja ta' kwalità. Fl-istess ħin, m'għandhomx jinħolqu piżijiet żejda għall-impriżi minħabba ħtiġijiet ġodda ta' statistika. Għaldaqstant, MEETS irid joħloq tipi ġodda ta' indikaturi ta' l-istatistika. Statistika ta' l-impriżi li tkun diġà disponibbli tista' tintuża aħjar u tidħol aħjar fis-sistema ta' networking. Ir-rapporteur huwa favur li data uffiċjali tintuża b'mod aktar faċli u komprensiv għal skopijiet statistiċi, u l-impriżi, b'hekk, kemm jista' jkun, ma jkollhomx għalfejn jipprovdu informazzjoni f'diversi postijiet.

Statistika ta' l-impriżi u n-negozji, flimkien ma' bosta piżijiet burokratiċi oħra, jipprovdu bażi importanti għal leġislazzjoni aħjar fl-UE. Fil-programmi li ppreċedew MEETS, Edicom I u II, ġiet ipproċessata statistika dwar il-kummerċ. L-istatistika dwar il-kummerċ u l-impriżi sa issa nġabret fuq il-bażi ta' metodoloġiji differenti u minn diversi sorsi. Bl-approċċ aktar komprensiv tal-programm ġdid MEETS, issa qed isir sforz għall-ewwel darba biex tinholq struttura ġdida li tinkludi statistika miż-żewġ sorsi sabiex jintlaħaq approċċ razzjonalizzat u koordinat għall-istatistika ta' l-UE. Dan l-approċċ globali huwa pożittiv ħafna. Apparti l-fatt li jgħib miegħu tnaqqis fil-piż għall-impriżi, huwa jissimplifika u jimmodernizza d-definizzjoni tal-prijoritajiet fil-qasam ta' l-istatistika.

Erba' għanijiet prinċipali tal-Programm MEETS

Fuq il-bażi ta' l-evalwazzjoni ex-ante msemmija hawn fuq, il-programm MEETS huwa mibni b'mod effiċjenti u mmirat, sabiex il-mezzi finanzjarji maħsuba ta' (massimu ta') 42.50 miljun EUR għas-sena 2008 - 2012 ikunu jistgħu jintużaw bl-aħjar mod possibbli. Fl-Anness tal-programm, il-Kummissjoni fasslet pjan dettaljat għad-diversi miżuri biex tilħaq l-erba' objettivi prinċipali tal-programm.

L-ewwelnett, indikaturi u metodi ta' l-istatistika eżistenti għandhom jiġu eżaminati u fejn ikun meħtieġ, jitneħħew jew jiġġeddu. Bħala miżura sussegwenti, għandhom jiġu stabbiliti oqsma ġodda tal-ġbir tad-data, li jsiru meħtieġa minħabba tibdil fl-integrazzjoni ekonomika, . Is-sistemi u l-prattiki varji ta' l-istatistika fl-Istati Membri ġodda ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant jagħmlu neċessarja ukoll reviżjoni konġunta tas-sistema. Dawk kollha kkonċernati għandhom ikunu involuti f'din l-evalwazzjoni, bil-ħsieb li jsiru bidliet fundamentali madwar l-UE kemm jista' jkun malajr.

It-tieni nett, il-kunċetti u l-metodi ta' l-istatistika ta' l-impriżi ta' l-Istati Membri għandhom jiġu armonizzati u integrati, pereżempju permezz ta' l-interkonnessjoni ta' reġistri ta' l-impriżi u s-sorsi relatati magħhom. Gruppi ta' impriżi multinazzjonali għandhom jiġu inkorporati aħjar fir-reġistri ta' l-impriżi.

It-tielet ħaġa, l-integrazzjoni tal-ġbir u l-ipproċessar tad-data għandhom jiġu integrati f'sistema waħda. Dan jinkludi l-użu aħjar għad-data li teżisti diġà. L-aċċess għall-kollezzjonijiet uffiċjali għandu jiġi regolat mill-ġdid. L-introduzzjoni ta' proċeduri ta' evalwazzjoni standard u/jew ġeneralizzati se jnaqqas il-piż tal-burokrazija tal-ħtiġijiet tar-reġistrazzjoni fuq l-impriżi ta' daqs medju b'mod partikolari. Dawn, madankollu, ikomplu jidhru fl-istatistika ekonomika fil-forma ta' valuri stmati.

Ir-raba' ħaġa, il-proposta timmira lejn is-simplifikazzjoni ta' l-istatistika ta' l-UE fis-sistema

Intrastat dwar in-negozji billi tistabilixxi valuri ta' limitu u networking elettroniku aktar b'saħħtu. Dan jagħmilha possibbli li aktar impriżi jiġu eżentati mill-ħtieġa li jirrapportaw fuq il-bażi ta' ċerti kriterji, mingħajr ma jiġi effettwat ħażin il-valur ta' l-istatistika. Il-kwantità ta' data tista' wkoll tinaqqas b'mod sinifikattiv billi tintuża s-sistema "single flow", li permezz tagħha id-data dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni tinġabar u tiġi reġistrata minn naħa waħda biss, jiġifieri, jew mill-esportatur jew mill-importatur.

Dawn il-prijoritajiet tal-programm MEETS jittrattaw l-isfidi prinċipali għal sistema moderna Ewropea ta' l-istatistika. Ir-rapporteur jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li, matul il-proċess ta' armonizzazzjoni, dan isir fuq il-bażi ta' l-iżgħar denominatur komuni' u ma jinvolvi piż ġdid fuq l-impriżi. Inkella, ikun hemm ir-riskju li innovazzjonijiet ikunu aktarx kontroproduktivi u jimminaw il-kompetittività ta' l-impriżi Ewropej. Ir-rapporteur, għaldaqstant, jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li, fil-ħidma preparatorja qabel il-preżentazzjoni tal-programm MEETS, il-Kummissjoni kellha konsultazzjonijiet wiesgħa fil-livell tekniku, kif ukoll konsultazzjonijiet mal-kapijiet ta' l-uffiċċji ta' l-istatistika ta' l-Istati Membri, li għalhekk kienu involuti sa mill-bidu fl-elaborazzjoni tal-programm. Fil-ġejjieni wkoll, skambju intensiv, li l-programm MEETS ikun qed jippromwovi, bejn kull min hu interessat u ma' l-esperti fil-forma ta' seminars, workshops eċċ., se jsir indispensabbli. Il-Kummissjoni, hawnhekk, tista' u għandha tassumi l-irwol ta' katalist għal MEETS.

Rwol importanti ta' l-uffiċċji nazzjonali ta' l-istatistika

Jagħmel sens li t-tnaqqis fil-burokrazija jiġi organizzat fil-livell ta' UE. Meta wieħed iqis is-sistemi differenti użati mid-diversi servizzi ta' l-istatistika, modernizzazzjoni ta' l-istatistika mill-Istati Membri individwali li ma tkunx koordinata twassal għal spejjeż oġġla u duplikazzjoni tal-ġbir ta' data. Permezz tal-programm ta' l-UE MEETS, madankollu, il-ġbir u l-użu ta' data għall-istatistika ta' l-impriżi u l-kummerċ jistgħu jiġu koordinati fi stadju bikri. Permezz ta' programmi ta' skambju, studji u workshops bejn l-Istati Membri jistgħu jiġu identifikati u jitpoġġew fil-prattika l-aħjar soluzzjonijiet għal kulħadd. Bil-miżuri tiegħu, il-programm ta' l-UE se jgħidq inċentivi biex isir investiment fl-iżvilupp ta' applikazzjonijiet ġodda ta' l-istatistika, b'mod partikolari fir-ristrutturar ta' l-istatistika ta' l-impriżi u l-kummerċ, u b'hekk tikber l-effiċjenza għal daww kollha kkonċernati.

L-azzjonijiet speċifiċi tal-programm se jkun definiti mill-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-forma ta' programmi ta' ħidma annwali bil-proċedura komitoloġika. Il-Kummissjoni, fl-opinjoni tar-rapporteur, għandha tingħata l-kompitu li timmonitorja l-armonizzazzjoni ta' l-istatistika fl-Istati Membri u għandha tagħmel rapport kull sena lill-Parlament Ewropew dwar ir-riżultati.

Madankollu, sabiex ikun suċċess, it-tnaqqis tal-burokrazija ma jistax jiġi biss fil-livell ta' l-UE. Il-Programm ta' Azzjoni għat-Tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi fl-Unjoni Ewropea jirakkomanda li l-Istati Membri jiffissaw miri ambizzjużi għalihom stess għat-tnaqqis tal-burokrazija. S'issa 12-il Stat Membru wieġbu għal dan l-appell. Fl-interess tat-tnaqqis effettiv tal-burokrazija, il-gvernijiet kollha ta' l-UE għandhom jikkoperaw ma' l-UE f'dan il-qasam. Iżda spiss, mar-regoli ta' l-UE, huma jżidu regoli nazzjonali oħra.

Fit-tnaqqis tal-burokrazija m'għandux jinħela aktar ħin. Għalhekk, ir-rapporteur jitlob li l-

proposti tal-programm MEETS jiġu implimentati malajr sabiex, fuq il-bażi ta' l-għarfien li joħroġ minn dawn il-proġetti, ikunu jistgħu jinstabu soluzzjonijiet prattiċi għall-armonizzazzjoni u r-ristrutturazzjoni fil-qasam ta' l-istatistika fil-futur qrib. L-iskeda ta' żmien proposta għal MEETS, għalhekk, għandha titħaffef fejn ikun possibbli. Quddiem dan kollu, ir-rapporteur qed jipproponi li l-programm jidħol fis-seħħ kemm jista' jkun malajr wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm għall-Modernizzazzjoni ta' l-Istatistika Ewropea ta' l-Intrapriża u l-Kummerċ (MEETS) (COM(2007)0433 – C6-0234/2007 – 2007/0156(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Margarita Starkevičiūtė

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Introduzzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni ta' programm għall-Modernizzazzjoni ta' l-Istatistika Ewropea ta' l-Intrapriża u l-Kummerċ (MEETS) għandha l-għan li tiffinanzja l-iżvilupp ta' statistika dwar l-intrapriża u l-kummerċ għal perjodu ta' sitt snin (2008-2013).

L-għan tal-Programm hu li l-istatistika tiġi adattata għal bidliet kbar fl-ekonomija, minħabba l-globalizzazzjoni, u l-integrazzjoni Ewropea aktar qawwija. Dawn iż-żewġ bidliet jiġġustifikaw il-ħtieġa għal tipi ġodda ta' indikaturi li jipprovdur l-informazzjoni permezz ta' sorsi ġodda ta' informazzjoni.

Il-Programm jimmira 4 għanijiet speċifiċi:

- jiġu identifikati oqsma ġodda permezz tad-definizzjoni ta' ġabriet ta' indikaturi fil-mira li għandu jsir ftehim dwarhom sabiex tiġi ġġenerata dejta komparabbli
- tissaħħaħ l-integrazzjoni ta' kunċetti u metodi fl-istatistika tan-negozju
- jiġi integrat il-ġbir u l-ipproċessar tad-dejta
- tkompli tiġi ssimplifikata s-sistema Intrastat (limiti, titjib bit-teknoloġiji ta' l-informatika u l-komunikazzjoni, nomenklaturi, eċċ.).

Implikazzjoni Baġitarja

Il-pakkett finanzjarju previst hu ta' EUR 42 500 000 għas-sitt snin.

L-ammont ta' referenza totali

		2008	2009	2010	2011	2012	2013 u wara	Total
Approprjazzjonijiet ta' Impenn	a+c	5,000	6,500	11,500	9,000	6,500	4,000	42,500
Approprjazzjonijiet ta' Ħlas	b+	0,908	7,5695	9,175	10,1625	7,6625	7,0225	42,500

	c							
--	----------	--	--	--	--	--	--	--

Il-pożizzjoni tar-rapporteur għal opinjoni

Ir-rapporteur għal opinjoni tappoġġja l-Programm ippreżentat mill-Kummissjoni. Hija temmen li huwa importanti li jiġu definiti l-oqsma prijoritarji u l-indikaturi sabiex tiġi żviluppata l-istatistika u jiġu armonizzati d-definizzjonijiet. Dan ikun estremament utli għall-intrapriżi ta' l-UE, peress li d-dejta tkun komparabbli u tkun tista' tintuża aktar.

Hija ma tixtieqx temenda l-proposta tal-Kummissjoni, iżda madankollu tqajjem xi punti li għandhom jitqiesu f'dibattitu akbar.

1. Waħda mill-preokkupazzjonijiet tar-rapporteur għal opinjoni hija r-rabta bejn id-disponibilità tad-dejta dwar l-intrapriżi u l-kummerċ u bejn il-politika ta' l-innovazzjoni, li hija waħda mill-punti l-aktar rilevanti ta' l-Istrateġija ta' Liżbona. Definizzjoni ċara ta' innovazzjoni u tad-dejta relatata magħha tkun estremament utli biex jiġi ddefinit il-finanzjament ta' linji ta' baġit speċifiċi fil-baġit ta' l-UE u biex l-appoġġ ta' l-UE għal intrapriżi innovattivi jiġi orjentat aħjar. Huma biss indikaturi ċari u komparabbli li jistgħu jappoġġjaw id-definizzjoni ċara ta' liem kategoriji ta' nfiq huma eliġibbli li jieħdu appoġġ għall-innovazzjoni.
2. Ir-rapporteur għal opinjoni hija mħassba minħabba li, għalkemm wieħed mill-għanijiet stabbiliti għall-Programm hu li jkompli jitnaqqas il-piż ta' l-istatistika fuq l-intrapriżi, il-Kummissjoni ma kkonsultatx intrapriżi, iżda kemm għaddiet għal konsultazzjoni interna fil-gruppi ta' ħidma u fl-uffiċċji nazzjonali ta' l-istatistika tagħha. L-intrapriżi kellhom jiġu kkonsultati, peress li huma l-akbar fornituri tad-dejta u dawk li għandhom igawdu l-aktar mill-programm MEETS.
3. Ir-rapporteur għal opinjoni titlob għal dejta ċara u komparabbli mhux biss fil-qasam tal-kummerċ intern, iżda wkoll tal-kummerċ estern. F'dan ir-rigward hija temmen li din l-informazzjoni tista' tkun strument utli biex jiġu identifikati l-kategoriji ta' l-ispejjeż li għandhom ikunu ffinanzjati taħt l-intestatura 4 tal-baġit ta' l-UE.
4. Ir-rapporteur għal opinjoni tirrimarka li n-nuqqas ta' koordinazzjoni fit-tfassil ta' l-oġġettivi ta' programmi statistiċi differenti ma jippermettix użu aktar effiċjenti tal-fondi allokati għall-programmi statistiċi fil-baġit ta' l-UE.

Fl-aħħarnett ir-rapporteur għal opinjoni tippreżenta emenda għar-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament, sabiex tisħaq li l-pakkett finanzjarju indikat fil-proposta leġiżlattiva tal-Programm MEETS għandu jkun kompatibbli mal-limitu ta' l-intestatura korrispondenti tal-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid (Multiannual financial framework MFF) – f'dan il-każ l-intestatura 1A – u li l-ammont annwali għall-Programm għandu jiġi deċiż fi ħdan il-proċedura baġitarja annwali bi qbil mad-dispożizzjonijiet tal-punt 37 tal-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva Paragrafu 1 a (ġdid)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva

Emenda

1a. Iqis li l-pakkett finanzjarju indikat fil-proposta tal-Kummissjoni għandu jkun kompatibbli mal-limiti tas-subintestatura 1a tal-qafas finanzjarju plurijennali (MFF) 2007-2013 kif rivedut mid-Deċiżjoni 2008/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2007, li temenda l-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda fir-rigward tal-qafas finanzjarju plurijennali (MFF)¹, u jirrimarka li l-ammont annwali se jkun deċiż fil-proċedura baġitarja annwali bi qbil mad-dispożizzjonijiet tal-punt 37 tal-Ftehma tas-17 ta' Mejju 2006;

¹ ĠU L 6, 10.1.2008, p. 7.

PROCĊEDURA

Titolu	Programm għall-Modernizzazzjoni ta' l-Istatistika Ewropea ta' l-Intrapriża u l-Kummerċ (MEETS)	
Referenzi	COM(2007)0433 – C6-0234/2007 – 2007/0156(COD)	
Kumitat responsabbli	ECON	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 3.9.2007	
Rapporteur għal opinjoni: Data tal-ħatra	Margarita Starkevičiūtė 24.10.2007	
Eżami fil-kumitat	2.4.2008	8.4.2008
Data ta' l-adozzjoni	8.4.2008	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 26	–: 0
	0: 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Laima Liucija Andrikienė, Richard James Ashworth, Reimer Böge, Paulo Casaca, Brigitte Douay, Szabolcs Fazakas, Salvador Garriga Polledo, Ingeborg Gräßle, Louis Grech, Catherine Guy-Quint, Jutta Haug, Anne E. Jensen, Wiesław Stefan Kuc, Janusz Lewandowski, Vladimír Maňka, Cătălin-Ioan Nechifor, Margaritis Schinas, Esko Seppänen, Nina Škottová, Theodor Dumitru Stolojan, László Surján, Helga Trüpel, Kyösti Virrankoski, Ralf Walter	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Richard Corbett, Libor Rouček	

PROĊEDURA

Titolu	Programm għall-Modernizzazzjoni ta' l-Istatistika Ewropea ta' l-Intrapriża u l-Kummerċ (MEETS)		
Referenzi	COM(2007)0433 – C6-0234/2007 – 2007/0156(COD)		
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	19.7.2007		
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 3.9.2007		
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 3.9.2007	BUDG 3.9.2007	ITRE 3.9.2007
Opinjoni mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	INTA 12.9.2007	ITRE 9.10.2007	
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Christoph Konrad 4.9.2007		
Diskussjoni fil-kumitat	22.1.2008	25.3.2008	5.5.2008
Data ta' l-adozzjoni	3.6.2008		
Riżultat tal-vot finali	+: -: 0:	34 0 0	
Membri preżenti għall-vot finali	Mariela Velichkova Baeva, Zsolt László Becsey, Pervenche Berès, Udo Bullmann, Manuel António dos Santos, José Manuel García-Margallo y Marfil, Jean-Paul Gauzès, Donata Gottardi, Dariusz Maciej Grabowski, Benoît Hamon, Karsten Friedrich Hoppenstedt, Othmar Karas, Wolf Klinz, Guntars Krasts, Kurt Joachim Lauk, Andrea Losco, Astrid Lulling, Florencio Luque Aguilar, John Purvis, Alexander Radwan, Bernhard Rapkay, Dariusz Rosati, Eoin Ryan, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Peter Skinner, Margarita Starkevičiūtė, Ivo Strejček, Ieke van den Burg		
Sostitut(i) preżenti għall-vot finali	Mia De Vits, Harald Ettl, Ján Hudacký, Janusz Lewandowski, Theodor Dumitru Stolojan		